MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Talba Numru. 27/2010

**Noel Bonello (K.I. 584274M)**
**Vs**
**Joseph Pace (K.I. 384735M) u Louis Scicluna (K.I. 663257M)**
**u b'digriet ta' nhar id-19 ta' April, 2010 giet kjamata in kawza s-socjeta' Brittania Catering Limited (C-28893)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elfejn, tliet mija erbgha u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,364.86) rapprezentanti pagi, sommom relattivi ghal *vacation leave* u bonus tal-kreditur Noel Bonello, li kien impjegat mall-istabbiliment, 'Magic Kiosk' li kien jikri fi Pjazza Sant' Anna, Tas-Sliema, ghal numru ta' snin.

1. Il-kreditur kien jaf bhala s-sid lil certu Joseph Pace, K.I. 384735M, imma l-formoli tal-FS3 tieghu kienu jigu ffirmati minn certu Louis Scicluna, K.I. 663257M.

2. Il-kreditur diga beda proceduri kontra l-imsemmija Joseph Pace u Louis Scicluna permezz ta' mandat kawtelatorju mahrug kontrihom mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tal-elfejn u disgha (2009), numru elfejn mija u ghoxrin tal-elfejn u disgha (2120/2009).
3. Illi hekk kif ikkonfermat minn dokumenti mahrugin mid-Dipartiment dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi, il-kreditur ghandu jiehu minghand Joseph Pace u / jew Louis Scicluna is-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu tal-ewro (€2364.86), rapprezentanti pagi, sommom relattivi ghal *notice*, *vacation leave* u bonus (vide dokument anness u mmarkat A).

Ghaldaqstant il-kreditur qieghed umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal li:
i. Jaqta' u jiddeciedi illi Joseph Pace u / jew Louis Scicluna ghandhom jaghtu lill-kreditur is-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha u sittin ewro, u sitta u tmenin centezmu (€2364.86);
ii. Jordna lil Joseph Pace u / jew lil Louis Scicluna ihallsu l-ammont dovut lill-kreditur.

Dawn taht dawk il-provedimenti kollha li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huma fil-kapacita' personali taghhom qatt ma impjegaw lill-attur.

Illi l-Magic Kiosk kien gestit minn Brittania Catering Limited u kienet din is-socjeta' li kienet impjegat lil Noel Bonello.

Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra u sema' x-xhieda ta' Noel Bonello, Louis Scicluna u Paul Costa.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

Ra li r-risposta kienet f'isem iz-zewg konvenuti u riferiment kien sar ghaz-zewg konvenuti, izda d-difensur tal-konvenuti qal li huwa kien qieghed jirraprezenta lil Joseph Pace biss.

Gie pprezentat kapitolu fil-konfront ta' Louis Scicluna li xehed illi dan l-ammont m'huwiex dovut minnu u li ma kienx jaf illi kellu jipprezenta risposta.

It-Tribunal ra li ghalkemm il-konvenut Louis Scicluna huwa kontumaci huwa ikkontesta t-talba fil-konfront tieghu.

Ra li b'digriet ta' nhar id-19 ta' April, 2010 giet kjamata in kawza s-socjeta' Brittania Catering Limited (C-2893).

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi attrici jirrizulta li l-attur kien impjegat mill-1991 sat-8 ta' Jannar, 2009 ma' Louis Scicluna u Joseph Pace tal-Magic Kiosk, f'Tas-Sliema, llum dan l-istabbiliment m'ghadux jezisti. Illi huwa qatt ma gie infurmat mill-konvenuti Scicluna u Pace li l-istabbiliment kien ha jaghlaq u lanqas kienu tawh '*termination form'*. Inghad ukoll illi huwa qatt ma rceva FS3 ghas-sena 2008 mill-konvenuti u baqa' ma thallasx l-ammonti dovuti lilu, konsistenti f'paga, *leave entitlement*, bonus u '*notice periods'*. Illi sussegwentement huwa kien ghamel rapport lid-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u dan id-dipartiment hareg '*statement'* tal-flus li kellu jigbor.

Illi jirrizulta mill-provi tal-attur illi kemm Joseph Pace u kemm Louis Scicluna kienu qalulu li huma ma kienux jafuh u spicca minghajr hlas. Illi peress illi baqa' ma

thallasx, id-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali fethu kawza kriminali kontra z-zewg konvenuti bhala rapprezentanti tas-socjeta' Brittania Catering Co Limited u kontestwalment huwa fetah kawza fit-Tribunal tat-Talbiet Zghar sabiex jigbor il-flus dovuti lilu.

Illi skont dokument ezebit in atti u cioe' l-FS3 tas-sena 2006, jirrizulta illi l-attur kien jithallas minn Brittania Catering Company Limited. Illi l-attur qal li ma kienx impjegat mis-socjeta' kjamata in kawza u li ghalkemm ma kellux ftehim ta' impieg bil-miktub huwa kien jithallas direttament minn Joseph Pace tramite Louis Scicluna. Illi l-unika prova ta' impieg kienet l-formola FS3 li ndikat li l-*payer* tal-impjegat Noel Bonello kienet is-socjeta' kjamata in kawza.

It-Tribunal huwa tal-fehma li in vista tal-provi migjuba quddiemu huwa sodisfatt illi l-konvenuti Pace u Scicluna kienu jagixxu ghan-nom tas-socjeta' Brittania Catering Limited, u mhux f'isimhom personali, tant illi l-FS3 indikat li Brittania Catering Limited kienet il-principal li jhallas. Illi ghal din ir-raguni t-Tribunal ha jkollu jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Pace u jillibera lill-konvenuti Pace u Scicluna mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huma ma kellhom ebda rabta guridika mall-attur. Illi jirrizulta li r-rabta guridika tal-attur kienet mas-socjeta' kjamata in kawza Brittania Catering Limited.

Ra li b'digriet ta' nhar id-19 ta' April, 2010 giet kjamata in kawza s-socjeta' Brittania Catering Limited (C-2893).

Ra li ghalkemm din is-socjeta' giet debitament notifikament bl-atti tal-kawza ghazlet li ma tiprrezentax risposta u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-4 ta' April, 2011 mill-Avukat Alistair de Gaetano.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' kjamata in kawza naqset milli li tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, wara li sema' u evalwa x-xhieda kollha prodotta quddiemu, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jillibera lill-konvenuti Joseph Pace u Louis Scicluna mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt illi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza Brittania Catering Limited u jikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza thallas lill-attur fis-somma ta' elfejn tliet mija erbgha u sittin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,364.86), bl-ispejjez, kif mitluba u bl-interessi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------